MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 157/1998/3

Paul u Georgina konjuġi **PISANI**

vs

Emmanuel u Bernardette **CUSTO'**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta' Marzu, 2006, li bih l-atturi Paul u Ġeorgina miżżewġin Pisani ippremettew illi:

Dan huwa rikors a tenur tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti kien ippreżenta appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri tas-7 ta' Novembru, tal-2002, fil-kawża fl-ismijiet premessi (Appell Nru. 157/1998);

Illi fir-rikors tal-appell tagħhom, l-esponenti kienu qegħdin isostnu li l-Ewwel Qorti, meta iddikjarat l-ammont li l-atturi għad fadlilhom iħallsu, jiġifieri l-ammont ta' Lm 3,124.00, hija skartat inspjegabilment is-sottomissjonijiet tagħhom, bir-riżultat li din il-Qorti ma applikatx il-prinċipju fundamentali li l-imgħax m'għandu qatt jissupera l-kapital. L-esponenti sostnew li bil-ħlasijiet ġa' effettwati minnhom, l-ammont dovut mill-atturi kien tħallas interament. Talbu għalhekk li s-sentenza tiġi riformata fis-sens li jiġi dikjarat li huma ma kellhom jagħtu xejn lill-konvenuti;

Illi l-konvenuti intavolaw appell inċidentali fejn talbu r-revoka tas-sentenza tal-Ewwel Qorti ***in toto***, ħlief dik il-parti biss in kwantu l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-attur dwar il-kwestjoni tal-integrita' tal-ġudizzju ibbażata fuq l-assenza ta' mart l-attur fl-atti tas-*sub hasta*. Il-konvenuti sostnew li minn imkien ma kien ġie ippruvat li r-rata ta' l-interessi kienet teċċedi dik ammessa mil-liġi. Il-prospett (imsejjaħ "Memorandum" fil-proċess) huwa kontradett minn att pubbliku redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tal-20 ta' Awissu, 1993, mnejn jirriżulta li l-attur Paul Pisani ikkostitwixxa ruħu bħala debitur (mhux kreditur kif erronjament indikat mill-istess appellati) f'ammont ċert, likwidu udovut. Skond il-konvenuti, f'dak il-kuntratt notarili tal-20 ta' Awissu, 1993, "l-attur reġa' żied l-ammont li kellu jagħti lill-konvenut billi proprju reġa' sselfef aktar u ta garanzija li jagħmel tajjeb għall-ammont li kellu jkun dovut.";

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet din il-kawża b'sentenza tat-2 ta' Diċembru, 2005, billi filwaqt li ikkonfermat ***in toto*** is-sentenza appellata, ċaħdet kemm l-appell prinċipali interpost mill-atturi, u kif ukoll l-appell inċidentali tal-konvenuti. L-Onorabbli Qorti tal-Appell

iddeċidiet li, fiċ-ċirkostanzi, l-kap tal-ispejjeż kellu jiġi sopportat b'dan il-mod: dawk l-ispejjeż ġudizzjarji relativi għall-ewwel istanza kellhom jibqgħu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti, filwaqt li dawk relativi għall-appell kellhom jiġu sopportati nofs bin-nofs (50:50) bejn iż-żewġ naħat;

Illi l-esponenti ħasset (*sic*) ruħha aggravata b'dik il-parti tas-sentenza fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tal-esponenti:

Illi s-sentenza hi ibbażata fuq żball evidenti billi l-prospett imsemmi mill-Ewwel Onorabbli Qorti u mill-Qorti tal-Appell ma teżistix, u l-figura ta' Lm 3,124 ma tirriżulta minn imkien fil-proċess;

Illi, fil-motivazzjonijiet tagħha, u dwar dan il-punt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell għad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti qalet hekk dwar il-***quantum***: "*.....issa l-uniċi ammonti li jirriżulta li ġew mislufa kienu dawk riferiti fl-ammont kapitali (magħdud flimkien) tas-sebat elef lira Maltin (Lm 7000) bl-imgħax tat-8% dekorribbli in kwantu għas-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm 2,000) mit-12 ta' Mejju, 1986, u in kwantu l-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm 6,000) (recte: Lm 5,000) mit-22 ta' Frar, 1988. Hu proprju f'dan il-kuntest li allura jidħol applikabbli l-artikolu 1853 tal-Kodiċi Ċivili, li testwalment u fil-parti rilevanti ai fini ta' dan il-ġudikat, jgħid li: 'kull kuntratt, taħt kull isem li jkun, magħmul b'qerq tad-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan, jista' jitħassar ....'. Ir-riferenza għall-aħħar artikolu hu dak li jistabilixxi l-limitu ta' l-imgħax tat-tmienja fil-mija. Ingħad dan u fuq l-iskorta tal-prospett hawn anness u li għandu jifforma parti integrali ta' dan il-ġudikat, lil din il-Qorti jirriżultalha li l-ammont dovut sad-data allura tal-aħħar pagament kien ta' tlett elef, mija u erbgħa u għoxrin lira Maltin (Lm 3,124).*" Fil-fehma tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-eżerċizzju magħmul mill-Qorti tal-ewwel grad kien wieħed għal kollox korrett;

Illi huwa għalhekk evidenti li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ġiet indotta fi żball billi d-dokument in kwestjoni ma jeżistix u ma kienx jeżisti. Għalhekk, il-figura ta' Lm 3,124, in kwantu bażata espressament fuq dan il-prospett hija

evidentement bla bażi u skorretta. Kieku wieħed kellu jaħdem korrettement il-figuri indikati fil-kawża mill-partijiet, il-konklużjoni kienet tkun li l-attur ħallas aktar mid-doppju u, kwindi, kien jiġi milqugħ l-appell tiegħu. Iżda minħabba dak l-iżball, it-talbiet attriċi f'dan ir-rigward ġew miċħuda;

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, u filwaqt li jirriserva li jipproduċi l-provi kollha permissibbli f'dan l-istadju, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

Filwaqt li tħassar u tirrevoka s-sentenza ta' din l-istess Qorti tal-Appell tat-2 ta' Diċembru, 2005, fil-kawża fl-ismijiet premessi stante li l-istess sentenza hija affetta minn żball evidenti li jirriżulta mill-proċess u dan a tenur tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta; tordna li l-appell jiġi trattata (*sic*) mill-ġdid; u tiddeċiedi l-kawża finalment billi takkolji l-appell tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati appellati miżżewġin Custo' fid-29 ta' Marzu, 2006, esponew l-oppożizzjoni tagħhom għat-talba li l-appell jerġa' jistema' mill-ġdid bit-tħassir tas-sentenza appellata billi qalu li:

Illi l-kontro-parti qegħdin jitolbu r-ritrattazzjoni minn sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Diċembru, 2005, fl-appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri tas-7 ta' Novembru, 2002, fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċitazz. Nru. 157/1998);

Illi l-atturi qegħdin jitolbu r-ritrattazzjoni minħabba li s-sentenza hi ibbażata fuq żball evidenti billi l-prospett imsemmi mill-ewwel Onorabbli Qorti u mill-Qorti tal-Appell ma teżistix, u l-figura ta' Lm 3124 ma tirriżulta minn imkien fil-proċess;

Illi hemm (*adde*: lok) għar-ritrattazzjoni skond l-artikolu 811(l) jekk is-sentenza tkun l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża. Jitqies li hemm dak l-iżball fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verita' tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-

verita' tiegħu tkun stabilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt kontestat illi jkun ġie deċiż fis-sentenza;

Il-*proviso* għal dan is-subiċiż jimponi restrizzjonijiet qawwija fl-applikazzjoni tiegħu sabiex jiġi assikurat li r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni jkun wieħed tabilħaqq ta' natura eċċezzjonali u li ma jkunx abbużat billi jipprovdi Qorti oħra ta' reviżjoni (***Fedele Dalli vs Coronato Sare'***, Appell, **20 ta' Frar, 1996**; ***Catherine Caruana et. vs Anna Schembri et.,*** Appell **20 ta' Ottubru, 2003**, Onor. Philip Sciberras);

Illi kif ġie ripetutament riaffermat mill-awturi kif ukoll mill-ġurisprudenza tagħna, biex ikun hemm (*adde*: lok) għal ritrattazzjoni taħt dan il-kap, hemm bżonn li l-iżball ikun wieħed materjali ta' fatt u mhux sempliċement wieħed li jimplika sempliċi kwestjoni ta' interpretazzjoni. L-atturi, fir-rikors tagħhom, iċċitaw bran mis-sentenza tal-appell dwar l-ammonti li jirriżultaw mislufa u l-imgħaxijiet ikkalkulati fuq dawk l-ammonti. Dak kien purament eżerċizzju interpretattiv bl-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi, eżerċizzju li jsir minn kull ġudikant, taqbel jew ma taqbilx miegħu. Mhux kustjoni ta' żball li jidher "*ictu oculi*" mill-atti tal-kawża, iżda konklużjoni li hija l-istess konklużjoni li għaliha kienet waslet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u li minnha kien hemm appell sew prinċipali kif ukoll inċidentali. Anke jekk l-atturi u l-konvenuti ma jaqblux ma' dawn il-konklużjonijiet, u għalhekk jistgħu jissejħu konklużjonijiet żbaljati, l-iżball li jirriżulta mhux wieħed li jagħti lok għal ritrattazzjoni skond l-artikolu 811(l);

Illi ġie dejjem ritenut li, biex żball jagħti lok għal ritrattazzjoni, jinħtieġ li jkun jirriżulta mill-atti u mid-dokumenti tal-kawża, u mhux minn xi atti ġodda. Mhux ammissibbli dokumenti ġodda sabiex isaħħu l-prova tal-iżball. L-iżball ta' fatt irid ikun jirriżulta mill-atti u mid-dokumenti tal-kawża, irid ikun żball materjali, intuwittiv, u li joħroġ mis-sempliċi konfront tas-sentenza mal-atti u mad-dokumenti tal-kawża u mhux xi ħaġa li tirreferi għall-kriterji ta' apprezzament li jkun għamel il-ġudikant fis-sentenza. L-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti da parti tal-

ġudikant jikkostitwixxu l-konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant. L-atturi qegħdin jirreferu għal xi prospett li suppost hemm esebit. Fil-mori tal-kawża ġew esebiti diversi dokumenti u prospetti sia da parti tal-atturi kif ukoll da parti tal-konvenuti. Il-mod kif ħadmet il-figura tagħha l-Ewwel Onorabbli Qorti, konfermat mill-Qorti tal-Appell, jiddipartixxi mill-mod kif ħadmu l-atturi u l-konvenuti. Dan il-mod divers ta' komputazzjoni jikkostitwixxi l-apprezzament u interpretazzjoni li kull ġudikant jagħmel bil-fatti quddiemu. Il-figuri li waslet għalihom l-Ewwel Onorabbli Qorti ma jistgħu qatt jikkostitwixxu żball li jagħti lok għal ritrattazzjoni fis-sens tal-artikolu 811(l);

U skond il-ġurisprudenza nostrali, l-iżball irid ikun manifest, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn sempliċi inavvertenza tal-ġudikant. Skond ir-**Ricci**, "*dovendo l'errore di fatto risultare dagli atti e documenti della causa, segue che esso dev'essere intuitivo, tale cioe' che si riveli dal semplice raffronto tra la sentenza e gli atti o i documenti della lite*." Mhux hekk fil-każ odjern. L-atturi qegħdin jagħmlu riferenza għal ċertu prospett li huma qegħdin jgħidu li ma jeżistix mal-atti tal-kawża u għaliex ma jeżistix dan il-prospett allura qegħdin jikkonkludu li hemm żball. Anke kieku jingħad li dan il-prospett ma jeżistix, b'daqshekk ma jistax wieħed jasal għall-konklużjoni li l-kalkoli tal-Ewwel Onorabbli Qorti kienu żbaljati. U fi kwalunkwe każ, jekk ma jirriżultax dan il-prospett, kif allura wieħed jista' jgħid li l-kalkoli a bażi ta' dan il-prospett huma żbaljati ?;

Illi huwa importanti pero' li jingħad li sabiex ikun hemm lok għal ritrattazzjoni minħabba żball, il-fatt ma jkunx ifforma punt kontrovers li ġie deċiż fis-sentenza impunjata. L-iżball li dwaru l-atturi qegħdin jitolbu r-ritrattazzjoni jirrigwarda l-"*quantum*" tal-ammont ta' kapitali kif ukoll l-imgħaxijiet dovuti mill-atturi. Il-kwistjoni kienet din sa mill-bidu u baqgħet hekk sal-aħħar. Iddur kemm (*adde*: iddur) mal-provi u mal-atti tal-kawża, wieħed isib il-punti ta' kontroversja dejjem u baqgħu sal-aħħar il-"*quantum*" li kien baqagħlhom iħallsu l-atturi lill-konvenuti, sija bħala kapitali, kif ukoll bħala mgħaxijiet (inkluż jekk kienx dovut imgħax fuq imgħax u jekk l-ammont ta' mgħax setax

jaqbeż il-kapital). Ir-riferenza għal xi prospett jew xi dokument ieħor tibqa' dejjem inkwadrata f'din il-kontroversja, u għalhekk, kull ma qegħdin jagħmlu l-atturi b'din ir-ritrattazzjoni huwa li jiftħu mill-ġdid l-argument fuq il-mertu tal-kawża. Jekk il-fatt invokat fl-azzjoni jew l-eċċezzjoni jkun wieħed dubbjuż jew inċert, b'mod li jkun hemm bżonn li jiġi interpretat mill-Imħallef, l-interpretazzjoni ħażina minnu mogħtija ma tistax tkun motiv ta' ritrattazzjoni għax f'dan il-każ l-żball ma jkunx minħabba perċezzjoni falza, imma ġudizzju falz, falsita' li ma tistax tiġi kkoreġuta permezz tar-ritrattazzjoni;

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment li dina l-Onorabbli (*adde*: Qorti) jogħġobha tiċħad it-talba tal-atturi għar-ritrattazzjoni tal-kawża fuq imsemmija kif ukoll it-talba għall-akkoljiment tal-appell interpost mill-atturi; bl-ispejjeż kontra l-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti[1];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2006, li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża li fiha ntalab it-tħassir ta' kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu minħabba simulazzjoni u użura, id-dikjarazzjoni u l-likwidazzjoni tal-ammont li l-atturi Pisani tassew għandhom iħallsu lill-konvenuti, u d-dikjarazzjoni li atti ta' *sub hasta* mibdija mill-konvenuti Custo' kontra ġid tal-atturi bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt kienu, għalhekk u kif ukoll għaliex saru biss kontra l-attur, irritwali;

---

[1] Rat ukoll l-atti tal-kawża Ċitazz. Nru. 202/98 fl-istess ismijiet premessi maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fit-8 ta' Novembru, 2002, u li tissemma fis-sentenza appellata u billi jidher li ż-żewġ kawżi nstemgħu kontestwalment u x-xhieda f'waħda ntużat fl-oħra wkoll

Illi jidher xieraq li l-Qorti ssemmi ċerti fatti li fihom issawwar il-każ li reġa' tressaq quddiemha f'din l-istanza;

Illi fil-kuntratt pubbliku li sar fl-20 ta' Awissu, 1993, fl-Atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo, Pisani (l-appellant f'din il-kawża) u Custo' (l-appellat) kienu ittransiġew kawża mibdija minn dan kontra tal-ewwel fl-1991. Fiha, Pisani kien iddikjara li għandu jagħti lil Custo' erbatax-il elf ħames mija u tnejn u sebgħin lira Maltija (Lm 14,572). Fl-istess kuntratt ftehmu wkoll kif kellha titħallas l-imsemmija somma. Fuq l-imsemmija somma ma kellu jitħallas l-ebda mgħax, ħlief dwar dawk l-iskadenzi li ma jitħallsux fil-ħin. Bħala garanzija għad-dejn mistqarr, Pisani ta lill-kreditur Custo' ipoteka ġenerali ta' ġidu kollu, u kif ukoll ipoteka speċjali fuq id-dar numru tnax (12), Triq il-Forn, Marsalforn, limiti taż-Żebbuġ. Custo' – li f'dak l-att kien surrogat fil-jeddijiet ipotekarji tal-kumpannija Presidence Limited dwar l-imsemmija dar – intrabat li jċedi l-kawża li kien fetaħ kontra Pisani sa żmien xahar minn dak inhar tal-kuntratt. Il-partijiet ftehmu wkoll dwar l-ispejjeż tal-kawża;

Illi fit-8 ta' Lulju, 1998, Emmanuel u Bernardette miżżewġin Custo' ressqu talba lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ċivili, sabiex ibiegħu l-post 12, Triq il-Forn, Marsalforn, għaliex iddikjaraw li Pisani kien għadu debitur tagħhom, u dan minkejja li kienu irrendew eżekuttiv l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu permezz ta' ittra uffiċjali tat-18 ta' Mejju, 1998. Dik il-Qorti laqgħet it-talba b'degriet tas-16 ta' Lulju, 1998. Fil-5 ta' Awissu, 1998, Paul u Georgina miżżewġin Pisani fetħu din il-kawża;

Illi, matul is-smigħ ta' l-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati f'Għadwex, u wara li l-avukati tal-partijiet ressqu xi sottomissjonijiet, dik l-istess Qorti, fis-smigħ tat-12 ta' Diċembru, 2000[2], ordnat lill-partijiet sabiex, sas-smigħ li kien imiss, jagħmlu prospett dettaljat tar-rispettivi pretensjonijiet tagħhom. Custo' ressqu n-Nota tagħhom fid-9 ta' Frar, 2001[3], filwaqt li Pisani ressqu l-

[2] Paġ. 336 tal-proċess
[3] Paġġ. 339-340 tal-proċess

“memorandum” tagħhom waqt is-smigħ tat-13 ta’ Lulju, 2001[4];

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri tat is-sentenza waqt is-smigħ tat-tmienja (8) ta’ Novembru, 2002[5]. Dak inhar ukoll, u x’aktar minnufih qabel[6], ingħatat is-sentenza f’kawża oħra li l-istess partijiet kellhom bejniethom dwar l-istess dar u l-istess proċedura tas-*sub hasta*. Minn dik is-sentenza ma sarx appell. Jirriżulta wkoll li l-prospett li jissemma fis-sentenza appellata u li issa tinsab quddiem din il-Qorti, jidher mehmuż mas-sentenza mogħtija fil-kawża l-oħra appena msemmija[7], u dan minkejja li, f’dik l-imsemmija sentenza, jingħad li l-prospett huwa mehmuż mas-sentenza mogħtija f’**din** il-kawża;

Illi l-**konsiderazzjonijiet legali** li jirrigwardaw il-kwestjoni tas-smigħ mill-ġdid ta’ kawża li dwarha tkun ingħatat sentenza li saret ġudikat, iridu jimxu mal-prinċipju li r-rimedju tar-ritrattazzjoni maħsub fil-Kodiċi Proċedurali Malti huwa wieħed straordinarju li jitħalla jintuża biss fil-każijiet u fiċ-ċirkostanzi msemmija espressament fl-istess Kodiċi. Minbarra dan, it-tifsira tal-istess ċirkostanzi li taħthom jista’ jintalab tali rimedju, għandha tkun waħda ta’ “interpretazzjoni strettissima”[8] jekk mhux ukoll b’applikazzjoni riġida li ma timxix b’xebh jew b’analoġija[9];

Illi l-proċess tas-smigħ u t-trattazzjoni mill-ġdid ta’ kawża deċiża għalhekk, fih żewġ fażijiet: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista’ twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (*in rescindendo*); imbagħad, jekk din ir-raġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (*in rescissorio*)[10]. Sadattant, ix-xogħol ta’ din il-Qorti, sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex

[4] Paġġ. 347-8 tal-proċess
[5] Paġġ. 382-6 tal-proċess (għalkemm id-data fuq il-kopja tas-sentenza hija murija bħala s-7 ta’ Novembru, 2002, u ż-żewġ partijiet, fl-appelli li huma ressqu minnha, jindikaw id-data żbaljata tas-7 ta’ Novembru, 2002, huma wkoll)
[6] Tant hu hekk li l-kawża Nru. 202/98TMT kienet in-numru 10 fil-lista ta’ dak inhar, filwaqt li din il-kawża 157/98TMT kienet in-numru 11 fl-istess lista
[7] Paġ. 60 tal-atti ta’ dik il-kawża Ċitazz. Nru. 202/98TMT
[8] App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)
[9] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***
[10] Kumm. **16.12.1915** fil-kawża fl-ismijiet ***Harrison noe vs Żammit noe*** (Kollez. Vol: **XXII.iii.235**)

tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindendo* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mil-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

Illi kif mistenni minnhom fil-liġi, l-appellanti Pisani jiddikjaraw li qegħdin iressqu t-talba tagħhom tar-ritrattazzjoni fuq il-kawżali maħsuba fl-artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi **dwar il-kawżali li s-sentenza kienet milquta minn żball li jidher mill-atti** (Art. 811(l)), huwa meħtieġ li wieħed iqis sewwa x'inhu dak li tgħid il-liġi sabiex tali kawżali titqies mistħoqqa. Il-liġi titkellem b'mod ċar dwar liema sura ta' żball irid ikun biex iwassal li sentenza tiġi mħassra. Tali żball irid ikun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tiegħu tkun eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball[11]. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant[12];

[11] App Ċiv. **22.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żammit vs Michael Żammit Tabona et***
[12] P.A. GV **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Rota noe vs Mary Camilleri et***

Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien l-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball[13]. Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata[14];

Illi l-appellati miżżewġin Custo' jargumentaw il-każ tagħhom sewwasew fuq dawn il-prinċipji appena msemmija. Sa dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet tagħhom jirrappreżentaw analiżi ineċċepibbli tad-dritt. Għandu jingħad li l-appellanti Pisani ma jitbegħdux wisq huma wkoll minn dawn ir-regoli, imma jagħtu tifsira għal kollox differenti meta jiġu biex japplikaw l-aggravju tagħhom għall-fatti tal-każ;

Illi fil-każ li għandna quddiemna, r-rikorrenti jgħidu li l-imsemmi żball joħroġ ċar mill-fatt li "s-sentenza hi bbażata fuq żball evidenti billi l-prospett imsemmi mill-ewwel Onorabbli Qorti u mill-Qorti tal-Appell **ma teżistix**, u l-figura ta' LM 3124 ma tirriżulta minn mkien fil-proċess"[15]. Il-Qorti tinnota li l-kawżali hija mibnija fuq l-ineżistenza assoluta tal-prospett u, sussidjarjament, fuq li l-ammont finalment kanoniżżat ma jirriżulta minn imkien fl-atti proċesswali ta' din il-kawża ;

Illi l-Qorti tqis li l-kawżali kif formulata la hija ta' min joqgħod fuqha u lanqas twassal għar-riżultat ittamat mir-rikorrenti. Dan jingħad b'mod partikolari għaliex iż-żewġ friegħi tal-kawżali m'għandhomx mis-sewwa;

Illi din il-Qorti jidhrilha li huma ta' siwi kbir u għandha tirrileva dawn il-fatti li ġejjin li l-appellanti Pisani ma jsemmu mkien fil-proċedura tagħhom tal-lum. L-ewwel fatt huwa d-dikjarazzjoni magħmula mill-Qorti tal-

---

[13] App. Ċiv. **18.6.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Żahra*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.323**)
[14] App. Ċiv. **6.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***M'Louise Muscat Inglott et vs Louis Manduca***
[15] Paġ. 415 tal-proċess

Maġistrati (Għawdex) fis-sentenza attakkata fis-sens li "*tiddikjara li fid-deliberazzjonijiet tagħha għamlet riferenza u ħadet in konsiderazzjoni xhieda u dokumenti li hemm fiż-żewġ kawżi.*"[16] Ir-riferenza kienet qegħda ssir kemm għal din il-kawża u kif ukoll dik bejn l-istess partijiet, maqtugħa dak inhar ukoll, u li dik il-Qorti fissret bħala "*intimament konnessa u dipendenti mill-eżitu ta' din il-kawża*". Dan ifisser li dik il-Qorti kienet qegħda bil-miftuħ tiddikjara li nqdiet bi provi fiż-żewġ proċessi taż-żewġ kawżi li kienu qegħdin jinstemgħu flimkien biex waslet għall-fehmiet tagħha f'kull waħda minnhom b'sentenza separata. Kemm dan kien il-każ joħroġ ukoll mill-fatt li, fin-Nota ta' Sottomssjonijiet tagħhom, l-appellanti Pisani jirreferu f'din il-kawża għal provi dokumentali li ma jinsabux fl-atti proċesswali ta' din il-kawża imma fl-atti tal-kawża l-oħra[17];

Illi t-tieni ċirkostanza hija li l-prospett li l-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha ssemmi bħala li kien "*hawn anness u li għandu jifforma parti integrali ta' dan il-ġudikat*"[18] jinsab fis-sewwa mehmuż mas-sentenza mogħtija fil-kawża l-oħra, fejn jingħad li l-prospett huwa mehmuż mas-sentenza f'din il-kawża. Dan in-nuqqas jista' jitfisser f'sempliċi nuqqas ta' attenzjoni li seta' seħħ meta l-paġni ta' kull waħda miż-żewġ sentenzi kienu qegħdin jintrabtu flimkien. Iżda, għall-finijiet ta' din il-proċedura, l-ilment tal-appellanti Pisani jitlef is-saħħa kollha tiegħu jekk kemm-il darba huma jorbtu l-fehma li waslet għaliha l-ewwel Qorti (u l-konferma li din il-Qorti tatha fis-sentenza attakkata) man-nuqqas ta' eżistenza tal-prospett fl-atti proċesswali għaliex, fil-fatt, joħroġ li dak id-dokument ma kien nieqes xejn;

Illi t-tielet ċirkostanza toħroġ mir-rikors tal-appell innifsu mressaq mill-appellanti Pisani f'Novembru tal-2002[19]. Hemm, mingħajr tidwir mal-lewża, jsemmu li l-fehma tal-ewwel Qorti dwar l-ammont li kien għadu dovut lill-appellati Custo' kienet ibbażata fuq "*l-iskeda minnha minuzjożament ippreparata*". Għal liema "skeda" kienu

[16] Paġ. 384 tal-proċess
[17] Ara, per eżempju, r-riferenza għad-dokumenti f'paġ. 357 tal-proċess
[18] Paġ. 385 tal-proċess
[19] Paġ. 396 tal-proċess

qegħdin jirreferu ? Meta wieħed jifli sewwa l-atti tal-kawża, wieħed isib li l-appellanti ma kienu qegħdin jirreferu għall-ebda ħaġ'oħra għajr il-prospett li issa qegħdin jgħidu li ma jeżistix u li, fin-nuqqas tiegħu, s-sentenza tinsab milquta minn żball. Imbagħad, aktar 'il quddiem fl-istess Rikors tal-Appell tagħhom jgħidu hekk: "*Il-Qorti*[20] *kkunsidrat dawn il-fatti kemm fid-deċiżjoni tagħha* <u>*kif ukoll fil-prospett anness ma' l-istess deċiżjoni*</u>*, u kien għalhekk li laqgħet l-ewwel talba tal-atturi*" (Is-sottolinejar huwa ta' din il-Qorti). Din il-Qorti tasal biex tqis li stqarrija bħal din tal-għarfien tal-eżistenza tal-bażi li fuqha s-sentenza attakkata kienet inbniet, twaqqa' kull sottomissjoni li trid il-kontra;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx lok li s-sentenza impunjata titħassar u li l-kawża tinstema' mill-ġdid;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi **tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti** Pisani, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[20] Ir-riferenza hawnhekk hija għall-ewwel Qorti